



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Interni

7.1.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Smiġħ ma' Cecilia MALMSTRÖM, Kummissarju nominata għall-Affarijiet Interni

Nistednukom issibu mehmużin i-tweġibiet bil-miktub mibgħuta minn Cecilia MALMSTRÖM.

CM\800796MT.doc

PE431.138v02-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali

- 1. X'aspetti tal-kwalifiki u l-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikulari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? X'jimmotivak? X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kull attività li wettaqt, li qed twettaq jew li se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar l-iżvolġiment ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?**

Jien trabbejt fi Franza u meta kont żgħira kelli l-possibbiltà li nagħmel ħbieb ma' tfal li kienu ġejjin minn kull naħa tad-dinja. Minn kmieni rrealizzajt li ħafna mill-ħbieb tiegħi tal-iskola kellhom passat differenti minn tiegħi, għax kellhom ħafna minn nanniethom jew membri oħra tal-familja midfunin taħt wieħed minn dawk is-slabeb bojod li kont inżur fiċ-ċimiterji flimkien mal-ġenituri tiegħi fin-Normandija jew fl-Alsace. Naħseb li dawk is-snin qajmu fija kuxjenza li mhux l-istorja moderna Ewropea kollha hija waħda feliċi daqs dik Żvediża. Għaddejt ukoll xi snin fil-Katalonja fl-aħħar tal-tmeninijiet, li ġegħluni nirrealizza t-terror tar-reġim ta' Franco u l-importanza tal-integrazzjoni ta' Spanja fil-Komunità Ewropea. Dan kollu kkontribwixxa għal impenn qawwi lejn l-integrazzjoni Ewropea, u din hija r-raġuni għaliex kont waħda mill-esponenti ewlenin fil-kampanja għal iva fir-referendum biex l-Iżvezja tingħaqad mal-UE fl-1994.

Dawn l-aħħar 20 sena ddedikajthom għal ħidma fil-qasam Ewropew. Bdejt bħala akkademika billi għamilt ir-riċerka fil-qasam tal-politika Ewropea u għallimt fil-Programm tal-Istudji Ewropej fl-Università ta' Göteborg u ktibt it-teżi tal-Ph.D. fix-xjenza politika dwar xi aspetti tal-politika Ewropea. Wara dan, qattajt seba' snin bħala Membru fil-Parlament Ewropew (MPE) u tliet snin bħala Ministru għall-Affarijiet Ewropej fl-Iżvezja.

Bħala Ministru, kont primarjament inkarigata mit-tnejn u l-koordinazzjoni tal-Presidenza Żvediża tal-UE, għalkemm kien hemm kwistjonijiet orizzontali oħra li wkoll kienu jiffurmaw parti mill-portafoll tiegħi. Dejjem tajt prijorità lid-djalogu maċ-ċittadini, lis-soċjetà ċivili u lill-kunsilliera lokali, bil-għan li nistimula d-dibattitu fuq kwistjonijiet Ewropej u b'hekk l-Iżvediżi jħossuhom dejjem aktar komdi mal-Unjoni Ewropea. L-esperjenza li ksibt mill-Parlament Ewropew u mill-gvern Żvediż tatni għarfien tajjeb dwar sensitivitajiet differenti fl-Ewropa.

Nemmen bil-qawwa li hija biss Ewropa b'saħħitha li tista' twettaq l-aspettattivi taċ-ċittadini biex jiġu indirizzati sfidi komuni u biex jinbena futur komuni sod. Il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, il-migrazzjoni u l-ażil, huma realtajiet li jeħtieġu politiki komuni aktar b'saħħithom fl-Ewropa. Il-prospettiva li jiġu stabbiliti dawn il-politiki hija sfida vera – diffiċli wkoll – u l-Programm ta' Stokkolma huwa bidu tajjeb. Ikun ta' privileġġ għaliha li nwassal għal riżultati konkreti f'dan il-qasam, b'kooperazzjoni kemm mal-Parlament Ewropew kif ukoll mal-Istati Membri.

Meta wieħed iqis li l-adozzjoni tal-Programm ta' Stokkolma kienet waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Presidenza Żvediża, jien familjari sew mal-kwistjonijiet involuti fil-qasam tal-Intern.

Il-kwistjonijiet tal-migrazzjoni ilhom parti mill-aġenda politika tiegħi għal ħafna snin. Bħala politiku lokali fid-disgħinijiet, jien servejt għal seba' snin fuq bords lokali tal-immigrazzjoni u l-integrazzjoni fil-Belt ta' Göteborg, belt b'154 nazzjonalità. L-Iżvezja hija waħda mill-pajjiżi fl-Ewropa li l-aktar tirċievi immigranti f'relazzjoni mal-popolazzjoni tagħha. Għamilt anke riċerka f'dan il-qasam u ktibt ktieb dwar kif il-politika Żvediża dwar l-immigrazzjoni tista' titqiegħed fil-perspettiva tal-politika estera.

Meta servejt bħala Ministru tal-gvern, l-arranġamenti finanzjarji u organizzattivi tiegħi ġew miflija bir-reqqa. Naf sew b'dak li huwa mistenni minn Kummissarju u mlejt id-Dikjarazzjoni tal-Interessi. Naf ukoll bl-obbligi dwar l-istandards etiċi, l-indipendenza u l-integrazzjoni previsti mit-Trattat, naqbel kompletament magħhom, u jien determinata li nikkonforma magħhom. Se nagħmel l-almu tiegħi biex nevrta kull pożizzjoni jew sitwazzjoni li tista' tqajjem dubju dwar l-integrità tiegħi jew l-indipendenza tiegħi bħala Kummissarju. Se nirrispetta wkoll b'mod sħiħ l-obbligi inklużi fil-Kodiċi ta' Kondotta tal-Kummissarji matul il-mandat tiegħi.

Ġestjoni tal-portafoll u koperazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-kumitati tiegħu

2. Kif tevalwa l-irwol tiegħek bħala Membru tal-Kulleġġ tal-Kummissarji? Fir-rigward ta' xiex tqis li inti responsabbli lejn il-Parlament u li trid tagħtih kont għall-azzjonijiet tiegħek u dawk tad-dipartimenti tiegħek?

Ir-rwol tiegħi bħala Kummissarju inkarigat mill-Intern huwa li nkun responsabbli b'mod sħiħ għall-attivitajiet, proposti u inizjattivi tiegħi mingħajr preġudizzji għall-prinċipju tal-kolleġġjalità. Filwaqt li nikkonċentra b'mod sħiħ fuq il-portafoll tiegħi, jeħtieġ li nsegwi wkoll mill-qrib ix-xogħol tal-bqija tal-Kulleġġ.

Biħsiebi wkoll naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Ġustizzja, Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza u d-Direttorat Ġenerali tagħna biex niżgura kooperazzjoni bla problema minħabba li l-portafolli tagħna huma marbutin flimkien u interdipendeni - u hekk għandu jkun. Il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini irid ikun l-essenza tal-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja. Nemmen li x-xogħol tiegħi huwa li nfittex li noħloq bilanċ bejn li niżgura r-rispett għal-libertà u l-integrità tal-individwu u li niggarantixxi Ewropa sigura għaċ-ċittadini tagħna u għal dawk kollha li jgħixu hawnhekk.

Bit-Trattat ta' Lisbona fis-seħħ, l-oqsma li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi huma soġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li jsaħħaħ ir-rwol tal-Parlament Ewropew. Dan huwa żvilupp pożittiv li se jżid il-leġittimità kif ukoll iqiegħed il-politiki Ewropej tal-Intern taħt kontroll demokratiku sħiħ. Ninsab heqana għal kooperazzjoni regolari, konstruttiva u li tikseb suċċess mal-Kumitat dwar il-Libertajiet Ċivili, Ġustizzja u Intern (LIBE) b'mod speċifiku, kif ukoll mal-Parlament Ewropew b'mod ġenerali. Jien naf sew li dan jeħtieġ il-preżenza tiegħi kemm fil-kumitat kif ukoll fil-plenarja.

Minħabba li servejt bħala MPE għal seba' snin, għandi netwerk wiesa' fil-Parlament u għarfien tajjeb tax-xogħol tal-Parlament. Għandi wkoll għarfien tal-bżonnijiet u ta' kif jaħsibha l-Parlament. Ninsab ukoll heqana li napplika fil-qasam tal-Intern id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona, b'kooperazzjoni mal-kumitat LIBE.

Bħala Kummissarju u mexxej, se nara li jkun hemm kooperazzjoni trasparenti u fiduċjuża

bejn il-kabinettt tiegħi u d-Direttorat Ġenerali, kif ukoll ma' kollegi oħra u d-DĠ u l-persunal rispettivi tagħhom.

3. X'rakkomandazzjonijiet speċifiċi lest li tagħmel fir-rigward ta' trasparenza mtejba, aktar koperazzjoni u segwitu effettiv tal-pożizzjonijiet tal-Parlament u t-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi, anke fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona? Fir-rigward ta' inizjattivi pjanati jew ta' proċeduri li għaddejjin, lest li tagħti lill-Parlament informazzjoni u dokumenti bl-istess mod li tagħtihom lill-Kunsill?

Bħala MPE u rapporteur tal-Kumitat tal-Affarijiet Barranin, jien kont waħda mill-persuni ewlenin li fasslu r-regolament 1049/2001 dwar l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti. It-trasparenza, ir-riforma amministrattiva u l-governanza tajba huma lkoll valuri u kwistjonijiet li ili niddefendi fil-ħajja politika tiegħi kollha u ninsab konvinta li t-trasparenza twassal għal aktar effiċjenza u aktar responsabbiltà.

M'hemmx għalfejn wieħed jgħid, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fil-kapaċità tagħhom bħala koleġiżlaturi, irid ikollhom aċċess ugwali għall-informazzjoni u d-dokumenti kollha rilevanti fir-rigward tad-dossiers leġiżlattivi u proċeduri oħra li jkun għaddejjin. L-Abbozz ta' Ftehim jipprova bażi tajba għat-trasparenza u l-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew u dan jien se nirrispettah.

L-elezzjonijiet ta' din is-sena wrew il-bżonn urġenti li ċ-ċittadini Ewropej jiġu involuti fit-tfassil tal-politika. It-Trattat ta' Lisbona se jwitti t-triq għat-titjib, imma t-Trattat innifsu mhux se jsołvi l-problemi ta' nuqqas ta' leġittimità li għadna niffaċċjaw.

Kemm bħala Ministru kif ukoll bħala MPE, kont involuta f'attivitajiet ta' djalogu mal-pubbliku b'mod partikolari mal-istudenti u l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi. Billi nipromwovu d-dibattitu fuq kwistjonijiet li jirrigwardaw iċ-ċittadini u billi nuru x'jagħmlu dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fi Brussell u kif kwistjonijiet li huma fuq l-aġenda tal-UE jaffettwaw direttament il-ħajja taċ-ċittadini tagħna, eventwalment nistgħu naslu biex l-Ewropa tkun parti mid-dibattitu domestiku fl-Istati Membri. Fl-opinjoni tiegħi dan huwa l-uniku mod kif nistgħu nkabbru l-leġittimità tal-Unjoni.

Fil-kapaċità tiegħi bħala Kummissarju, se nkompli nfittex id-djalogu mal-pubbliku ġenerali u mas-soċjetà ċivili madwar l-Ewropa. Se nkompli wkoll nitħabat biex tiżdied it-trasparenza, inklużi regolamentazzjoni aħjar u titjib fis-sempliċità u l-aċċessibbiltà tal-proposti u d-deċiżjonijiet tal-UE.

Mistoqsijiet marbuta ma' politika

4. X'inhuma it-[tliet] prijoritajiet ewlenin li biħsiebek twettaq bħala parti mill-portafoll propost tiegħek, filwaqt li tqis, meta jkun rilevanti, il-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali kif ukoll preokkupazzjonijiet marbuta mal-iżvilupp sostenibbli?

Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Programm ta' Stokkolma kif maqbul mill-Kunsill Ewropew stabilixxa direzzjoni ferm ċara għall-ħames snin li ġejjin. Huwa jitlob numru ta' inizjattivi mill-Kummissjoni.

Il-Programm ta' Stokkolma huwa dokument importanti li se jservi ta' gwida għall-attivitajiet tal-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern. Il-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta Komunikazzjoni u Pjan ta' Azzjoni li jiddefinixxi miżuri konkreti u inizjattivi meħtieġa biex jimplementaw il-programm fil-bidu tal-2010. Flimkien mal-Kummissarju għall-Ġustizzja, Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza, se nikkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni tagħkom tal-25 ta' Novembru 2009.

Fuq din il-bażi, il-prijoritajiet tiegħi se jkunu s-segwenti:

- Li nistabbilixxi sistema komuni ta' ażil u politika komuni tal-migrazzjoni, f'konformità mal-Patt dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil. Biħsiebi niżviluppa u nimplimenta strateġija globali bil-għan ta' mmaniġġjar ċentrali tal-migranti fi sħubija ma' pajjiżi terzi. Jeħtieġ li nistabbilixxi sistema unika tal-ażil bażata fuq is-solidarjetà, l-affidabbiltà u responsabbiltà komuni bażata fuq il-konvenzjonijiet internazzjonali u b'rispett sħiħ għad-dritt tal-ażil. Fl-Ewropa jeħtieġ li titwaqqaf żona unika ta' ħarsien. Għandna bżonn ukoll immaniġġjar effettiv tal-immigrazzjoni irregolari kif ukoll politika tar-ritorn aktar effettiva u aktar umana.
- It-twaqqif ta' sistema għall-migrazzjoni legali teħtieġ implimentazzjoni tal-Pjan politiku dwar il-migrazzjoni legali. Ix-xogħol tal-immigranti jista' jikkontribwixxi għal aktar kompetittività u vitalità ekonomika. B'koordinazzjoni mal-Kummissarju għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, biħsiebi noħloq sistema ta' ammissjoni komuni imma flessibbli li tagħti kas tal-bżonnijiet tal-ħiliet u l-kompetenzi differenti tal-Istati Membri u li tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex jintegraw il-migranti legali.
- L-iżvilupp ta' strateġija ta' sigurtà interna għal unjoni aktar sigura li tikkontribwixxi għall-ħarsien taċ-ċittadini tagħna. Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri se jkunu prinċipji ta' gwida f'dan ix-xogħol. L-istrateġija se tinkludi kooperazzjoni fl-infurzar aktar effiċjenti u aktar mill-qrib tal-liġi u mmaniġġjar aktar koerenti tal-fruntieri. Dawn l-elementi huma kruċjali jekk irridu li l-Unjoni ġġib valur miżjud fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transkonfinali, bħat-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-pornografija tat-tfal, il-korruzzjoni, il-kriminalità fuq l-internet u d-drogi. Il-qofol ta' kollox hawnhekk hija l-iskambju tal-informazzjoni, li jrid jittejjeb filwaqt li jingħata kas tal-oġhla standards possibbli fil-qasam tal-ħarsien tad-dejta.

5. X'inhuma l-inizjattivi speċifiċi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li biħsiebek tressaq, u skont liema kalendarju? X'impenji speċifiċi tista' tintrabat li twettaq rigward, b'mod partikulari, il-prijoritajiet u t-talbiet tal-kumitati meħmuża ma' dan il-kwestjonarju u li huma parti mill-portafoll tiegħek? Kif tiżgura inti stess il-kwalità tajba ta' proposti leġiżlattivi?

Flimkien mal-Kummissarju għall-Ġustizzja, Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza, dalwaqt se nippreżenta Pjan ta' Azzjoni dwar il-Programm ta' Stokkolma kif adottat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru tal-2009. Dan il-pjan se jkun fih ħarsa komprensiva lejn l-azzjonijiet kollha pjanati fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja.

Taħt ir-responsabbiltà tiegħi, se tiġi żviluppata ħafna politika ġdida. Din se jkollha tiġi appoġġjata minn leġislażzjoni speċifika bażata fuq l-evidenza u inizjattivi nonleġislattivi. Sabiex dan isir b'mod korrett, irridu nevalwaw dak li għandna. Irrid nagħti ħarsa mill-qrib lejn l-aġenziji li għandi taħt ir-responsabbiltà tiegħi, u nara kif jaħdmu, u jekk hemmx modi kif tiżdied l-effiċjenza tagħhom u l-kooperazzjoni ma' xulxin. Qabel ma jitressqu leġislażzjoni jew proposti ġodda għandha ssir valutazzjoni profonda tal-impatt.

Pereżempju, biġisbi nevalwa l-leġislażzjoni kurrenti kontra t-terroriżmu u nara kif taħdem f'termini ta' effiċjenza u proporzjonalità.

Sabiex nikseb l-għanijiet ewlenin imsemmija fil-mistoqsija 4 biġisbi nirrinforsa r-rwol tal-Frontex, tal-Europol u tas-Cepol. Jien konvinta li dawn jistgħu jaħdmu b'mod aktar effiċjenti u b'mod aktar koordinat. Fi ftit xhur se nippreżenta proposti dwar ir-rwol futur tal-FRONTEX.

Flimkien mal-Istati Membri konċernati, irrid ukoll inkabbar iż-żona ta' Schengen. B'mod parallel, irid inħaffef il-proċeduri ta' ċċekkjar fil-fruntieri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidhru fiż-żona Schengen u li jkun hemm rekords elettroniċi ta' dawk li jħalluha. Biġisbi nressaq proposta dwar is-sistema ta' dħul/ħruġ u programm ta' reġistrazzjoni tal-vjaġġaturi.

Naf sew bl-interess tal-Parlament fl-iffaċilitar tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. L-intenzjoni tiegħi hija li naħdem mill-qrib mal-Albanija u mal-Bosnija-Herzegovina biex nġinhom jissodisfaw il-kriterji applikabbli sabiex ikunu jistgħu jersqu lejn liberalizzazzjoni mill-viża fil-futur qrib.

L-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà Interna se tgħinna niġġieldu l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu b'mod aktar effettiv. B'mod partikolari biġisbi nippreżenta proposti ġodda rigward it-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali tat-tfal fuq il-bażi tat-Trattat ta' Lisbona.

Fl-2010 se nressaq proposti dwar il-migrazzjoni legali. F'dan il-qasam jeħtieġ mhux biss li nikkonsolidaw il-leġislażzjoni eżistenti imma wkoll li ntejbu l-koerenza. Jeħtieġ li nirvedu wkoll il-liġijiet dwar ir-rijunifikazzjoni tal-familja. Dan id-dibattitu se jibda bit-tnedija ta' green paper fl-2010.

Sabiex ikollna politika komuni dwar il-migrazzjoni legali jeħtieġ ukoll li jkollna politika effettiva fuq it-tneħħija u r-ritorn biex tiġi kontrollata l-migrazzjoni illegali. Irridu nagħtu attenzjoni partikolari lill-minorenni mhux akkumpanjati. Dwar dan biġisbi nissottometti pjan ta' azzjoni malajr kemm jista' jkun.

Finalment se nwaqqfu proċedura unika għall-ażil u stejtu uniformi tal-ħarsien internazzjonali. Hawnhekk l-Ewropa se tenfasizza l-valuri komuni tagħha. Se niffoka fuq l-adozzjoni ta' malajr mill-koleġislatur tal-bqija tal-proposti tas-Sistema Komuni Ewropea dwar l-Ażil u dwar l-implimentazzjoni tagħha. Il-kliem li se nimxu fuqhom hawnhekk se jkunu s-solidarjetà u l-qsim tal-piż.

Is-Segretarjat